MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 311/2011

**Vincent Palmier**

**vs**

**D & G Projects Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tad-29 ta' Marzu 2011 li jghid hekk:
IIli l-esponenti jiggestixxi l-fond maghruf bhala Granny's Inn Huber Street, Sliema u talab lis-socjeta intimata sabiex tissuplixxi u tinstalla solar water heater fl-istess Granny's Inn Hostel u dan skont ftehim li sar f'April 2008.

Peress illi s-solar water heater u l-konsegwenti panels gew installati u supliti mis-socjeta intimata izda gara illi recentement l-panels bdew jimmanifestaw difett billi qieghdin jittapnu u dan ikollu impatt fil-heat absorption tal-

istess panels liema problema qieghda taggrava minn zmien ghal zmien.

Peress illi dan id-difett gie debitament investigat minn Simon Spiteri li rrilaxxa rapport fil-21 ta' Jannar 2011 jikkonferma illi minhabba l-imsemmi difett, biz-zmien il-panels jkomplu jitilfu l-efficenza taghhom.

Illi s-socjeta konvenuta hija tenuta li l-oggett supplit u nstallat huwa tajjeb u idoneju u li mhux difettuz u li jiggarantixxi l-oggetti u x-xoghol skond il-ligi.

Illi stante li l-panels manifestaw problemi kif spjegat u kif jigi ipprovat aktar fid-dettal waqt il-kawza, dawn ghandhom jigu rimpjazzati mis-socjeta konvenuta.

Illi l-intimat interpellat sabiex jissostitwixxi l-imsemmija panels hziena u jinstalla ohrajn skond l-arti u s-sengha baqa inadempjenti.

Ghalaqstant ighid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandiex:

1. Tiddikjara li s-solar heating panels provduti u kif installati fuq il-fond fuq imsemmi 53 Blanche Huber Street, Sliema fihom il-hsara u huma difettuzi u li konsegwentement is-socjeta intimata hija responsabbli biex taghmel tajjeb ghalihom;

2. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex fi zmien qasir u perentorju tissostitwixxi l-imsemmija panels b'panels godda u li tistallahom skont l-arti u s-sengha u fin-nuqqas, li tawtorizza lill-attur sabiex jaghmel l-istess u dan ghas-spejjez esklussiv tas-socjeta intimata;

3. Tiddikjara lis-socjeta intimata responsabbli ghad-danni sofferti u li ghad jista' jsofri l-attur minhabba l-inadempjenza tal-istess socjeta intimata kemm ab inizio kif ukoll billi naqset milli tindirizza l-ilment malli dan gie komunikat lilhom.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta intimata u b'rizerva ghal kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-attur, liema socjeta intimata hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:
1. Illi in linea preliminari u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet sussegwenti l-attur ghandu qabel xejn ifisser ahjar l-azzjoni intentata minnu u l-artikoli tal-ligi in sostenn tal-istess talbiet tieghu u dana sabiex il-kumpannija intimata tkun tista' taghti l-eccezzjonijiet opportuni. Illi l-kumpannija intimata tirriserva li tipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri hekk kif l-attur jiddikjara liema azzjoni huwa qieghed jipproponi bir-rikors promotur tieghu;

2. Illi in linea preliminari ukoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjoni precedenti dawk sussegwenti t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez u dana peress illi t-talbiet attrici huma insostenibbli u kif ukoll minghajr ebda bazi fil-ligi stante li r-rimedju mitlub mill-attur ghall-allegati "difetti" fis-solar healing panels mertu tal-kawza odjerna ma huwiex dak moghti lilu mil-ligi;

3. Illi in linea preliminari ukoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, f’kaz illi l-azzjoni tal-attur hija ibbazata fuq l-artikolu 1390 tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta, tali azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 1407 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi in linea preliminari ukoll u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti, f'kaz illi l-azzjoni tal-attur hija ibbazata fuq l-artikolu 1427 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tali azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikolu 1431 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dawk sussegwenti t-talba tal-attur ghall-kundanna tal-hlas ta' danni minnu allegatament sofferti hija nfondata fil-

fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur u inoltre f'kull kaz l-attur ghandu jippreciza d-danni allegatament sofferti minnu, jipprezenta prospett tal-istess u jaghti prova tad-danni attwalment sofferti minnu kawza ta' xi nuqqas da parti tal-kumpannija intimata;

6. Illi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti u dik sussegwenti t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi;

Rat l-atti inkluz ir-rapport peritali, l-eskussjoni u n-nota ta’ sottomissjonijiet tal-attur;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

It-talba attrici hi biex jigi dikjarat li s-solar panels provduti mis-socjeta konvenuta kienu difettuzi u ghalhekk ghandha jew tissostitwihom is-socjeta konvenuta jew jaghmel it-tibdil l-attur a spejjez tal-konvenut. Intalbu wkoll id-danni sofferti mill-attur kawza tal-inadempjenza tas-socjeta konvenuta mindu giet mgharfa bid-difetti.

Il-Qorti trid qabel xejn tindirizza n-natura tal-azzjoni billi l-ewwel eccezzjoni hi precizament talba biex l-attur jindika x’tip ta’ azzjoni qed jippromwovi.

L-attur irrisponda b’nota xotta ghal dan il-kwezit billi spjega li l-azzjoni hi msejsa fuq l-artikolu 960 u s-subtitolu IV tat-Titolu 4 tal-Kap. 16. L-artikolu 960 hu biss artikolu generali li jghid li kuntratt hu ftehim li minnu jinsorgu obligazzjonijiet, filwaqt illi t-Titolu 4 subtitolu IV jitkellem fuq l-effeti tal-obligazzjonijiet. Ghalkemm is-socjeta konvenuta ma ziedet xejn wara din in-nota tal-attur, pero din id-dikjarazzjoni ma ssolvix il-kwezit principali li l-attur jonqos esplicitament jinkwadra t-tip ta’ rapport kontrattwali ezistenti bejn il-partijiet u li minnu johorgu l-konsegwenzi legali.

Il-Qorti pero ghandha kull dritt li tinkwadra hi l-azzjoni attrici ghax hu minn dan in-negozju accertat li wiehed jista' jasal ghal dak li l-attur jista' jitlob. Harsa lejn it-talbiet attrici juri b'mod car illi t-talbiet attrici jinkwadraw ruhhom taht il-kuntratt tal-appalt.

Il-Qorti tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti fl-ismijiet **Anthony Marcel Pace Asciaq noe vs Joseph Camilleri et** (PA 28/01/2004 PS) fejn il-Qorti dahlet fil-kwistjoni dwar x'jiddistingwi l-kuntratt ta' appalt minn dak ta' bejgh. Dan qed jinghad peress li s-socjeta konvenuta ressqet zewg eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni relatati mal-kuntratt ta' bejgh. Il-Qorti qalet hekk fis-sentenza fuq citata:

Minn dak rinvenut fil-Kodici Civili jirrizulta li r-rimedji miftuha lix-xerrej f'kaz ta' vendita huma essenzjalment dawk dettati mill-Artikoli 1390 u 1427. Rimedji li fil-kaz ta' l-ewwel artikolu bazat fuq in-nuqqas tal-kwalita` mweghda, jakkorda lix-xerrej, fil-mument tal-konsenja ta' l-oggett mibjugh, li jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob ukoll id-danni jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit. Fil-kaz tat-tieni, bazat fuq il-garanzija ghad-difetti li ma jidhrux, il-ligi wkoll tassenjalu d-dritt tal-ghazla wara rricezzjoni ta' l-oggett, jigifieri jew li jirrecedi mill-bejgh bl-azzjoni redibitorja jew li jzomm il-haga u jitlob lura dik il-bicca mill-prezz li tigi stabbilita mill-Qorti u li tirrapprezenta l-valur tad-difett riskontrat, bl-azzjoni proprjament imsejha estimatorja;

Premess dan li fuq gie ravvisat, huwa innegabbli illi l-kompitu fir-ricerka tal-kriterju distintiv bejn "vendita" u "locatio operis" mhux nieqes minn diffikoltajiet. Dan hu hekk rikonoxxut mid-dottrina kif ukoll mill-gurisprudenza;

Hekk it-trattist **C. Massimo Bianca** fl-opra tieghu "La Vendita e la Permuta", Unione Tipografico – Editrice Torinese, Edizzjoni 1972 pagna 39 para. 21, jghid illi "quando l' alienante assume una prestazione di fare che non si limita ad una semplice attivita` integrativa o complementare ma attiene alla stessa produzione del bene, il problema della classificazione del contratto non

puo` essere risolto qualificando senz' altro la prestazione come accessoria rispetto alla vendita. Occorre piuttosto accertare se il rapporto negoziale non corrisponda in realta` al tipo dei contratti d' opera individuale o imprenditoriale, cioe` al contratto d' opera o al contratto d' appalto.";

Jinghad minn awturi bhal **Rubino-Iudica** ("Dell' Appalto" para 44) illi dak li jiddistingwi l-appalt mill-bejgh huwa l-kriterju tal-"prevalenza del lavoro sulla materia". Bl-invers jinsab ritenut illi meta l-appaltatur jintraprendi opra li fiha jaghti mhux biss ix-xoghol jew is-sengha tieghu, imma jfornixxi anke l-materjal, dan l-appalt huwa affini mal-bejgh ("**Carmelo Borg -vs- Joseph Mifsud**", Appell Kummercjali, 7 ta' Ottubru 1980);

Fil-fehma tal-Qorti din hi distinzjoni pjuttost semplicistika tal-kuncett u ma ssolvix il-problema;

Giet allura koncepita t-teorija zviluppata fid-duttrina u l-gurisprudenza Taljana "secondo il quale il contratto di vendita si distingue da quello di appalto per il diverso oggetto, consistente, rispettivamente, in un' obbligazione di dare oppure in un obbligazione di dare e insieme di fare, con organizzazione di mezzi necessari e con gestione a rischio dell' appaltatore" (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 58 tad-9 ta' Jannar 1970**);
Din it-teorija ttendi biex tassenja importanza deciziva lill-volonta tal-partijiet kontraenti. Teorija li wkoll sabet favur f' certa gurisprudenza taghna, kif manifest mis-sentenzi fl-ismijiet "**Neg. George E. Camilleri -vs- Joseph Mamo nomine**", Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Awissu 1951; "**George Vassallo -vs- Lawrence Fenech et nomine**", Appell Kummercjali, 26 ta' April 1988 u "**John Debono -vs- Anthony Fenech nomine et**", Appell Kummercjali, 15 ta' Jannar 1992;

Rigwardata minn din il-prospettiva tal-volonta` tal-partijiet is-soluzzjoni tal-vertenza jidher li giet stabbilita skond lottika li wiehed jara l-kontrattazzjoni;

F’ dan il-kuntest gie ritenut, dejjem fil-gurisprudenza Taljana, illi “si trattera` di vendita di cosa futura e non di appalto, quando il prodotto richiesto sia conforme ad un tipo o modello proprio dell’ ordinaria produzione dell’ assuntore” (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 4020 ta’ l-1983**). Tali tibqa’ s-sitwazzjoni anke fejn jintalbu modifiki fl-oggett, purche jkunu marginali jew sekondarji, addottati biex jissodisfaw l-esigenzi tad-destinatarju tieghu. Minn naha l-ohra jekk il-modifiki “siano tali da dare luogo ad un ‘opus perfectum’ inteso come effettivo e voluto risultato della prestazione, si trattera` invece di appalto” (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 8445 tas-sena 2000**). Jekk, imbaghad, ukoll il-kuntratt ma jkunx jista’ jigi kazellat taht it-tip wiehed jew l-iehor, jista’ jigi kwalifikat bhala “contratto misto’ (**Qorti tal-Kassazzjoni Nru. 83 ta’ l-1972**);

Mill-provi li rrizultaw f’din il-kawza jirrizulta illi s-socjeta konvenuta forniet sistemi ta’ water heaters, reverse osmosis system u water softener. Skond il-fattura Dok. A a fol. 5 tal-process il-prezz ghall-oggetti mibjugha mis-socjeta konvenuta kien jinkludi wkoll l-istallazzjoni ta’ dan l-apparat. Skond l-attur is-socjeta konvenuta kellha tforni s-solar water heaters bil-panels, itellughom fuq il-bejt tal-istabbiliment tal-attur jarmawhom billi jkunu zarmati u jikkommunikawhom mal-wires u pipes li ghamlu nies imqabbda mill-attur stess. Is-socjeta konvenuta ltaqghet mal-haddiema tal-attur fejn ftehmu x’kellu jsir biex issir il-komunikazzjoni (ara seduta tas-6 ta’ Lulju 2012 quddiem il-perit tekniku). Godfrey Formosa, direttur tas-socjeta konvenuta jaqbel li huma bieghu l-makkinarju lil attur, u mmuntawhom fuq il-bejt tal-attur. Plumber u electrician tal-attur lestew il-komunikazzjoni u l-points li maghhom twahhal l-apparat.

Hi l-fehma tal-Qorti li x-xoghol li ghamlet is-socjeta konvenuta ta’ istallazzjoni kien wiehed minimu u l-fltehim prinicpali kien dak ta’ bejgh tal-apparat.

Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi r-rimedji applikabbli lill-kumpratur kienu dawk akkordati lill-kumpratur f’kaz ta’ bejgh, liema rimedju l-kumpratur ma ghazilx li jadopera izda minflok l-attur ittenta r-rimedji applikabbli f’appalt.

Il-Qorti tqis li l-artikolu ikkwotati mill-attur biex isostni t-talba tieghu mhux flokhom billi dawn l-artikoli jittrattaw principji generali ta’ obbligazzjoni. Apparti li lanqas l-istess attur ma jirreferi esplicitament ghall-liema artikoli specifici tal-obbligazzjonijiet kien qed jibbaza t-talbiet tieghu, kif gia gie rilevat, in-negozju guridiku bejn il-partijiet kien identifikabbli u accertabbli bhala wiehed predominant ta’ bejgh ta’ apparat specifiku ta’ ditti specifici u l-istallazzjoni taghhom fuq il-bjut tal-attur kien biss servizz incidentali u accessorju ghal bejgh.

Kwindi hi l-fehma tal-Qorti illi l-azzjoni attrici kif impostata ma tistax tirnexxi u qed tintlaqa’ t-tieni eccezzjoni tas-socjeta konvenuta.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad it-talbiet attrici stante li mhux proponibbli f’azzjoni ghal hsarat u difetti naxxenti minn bejgh. L-ispejjez jithallsu mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------